# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar It-tlieta 30 ta' Ottubru, 2001 .

### Citazzjoni numru : 100/94G1(PC)

**Antoinette mart Carmelo Farrugia li tidher kemm f'isimha proprju u kemm ghan-nom u in rapprezentanza ta' huha l-imsiefer George Galea;**
**L-AIC Saviour Micallef li jidher ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Joseph Galea .**

**vs**

**Luigi Cini .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew illi :**

**L-atturi huma komproprjetarji flimkien mal-konvenut ta' sest (1/6) indiviz jew kwota verjuri tal-fond li jikkonsisti f'dar li tinsab fi triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex bin-numru wiehed u erbghin (41) inkluza wkoll il-mandretta li tinsab adjacenti mill-parti retrostanti bil-kejl kollu li fiha, liema kejl ghandu jigi stabbilit waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza .**

**Li l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni flimkien mal-konvenut fil-fond fuq imsemmi .**

**Li ghalkemm huma interpellaw lill-konvenut sabiex jersaq ghad-divizjoni u l-assenjazzjoni tal-parti spettanti lill-atturi l-konvenut baqa' inadempjenti .**

**Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tordna d-divizjoni tal-fond numru wiehed u erbghin (41) triq il-Madonna tac-Cicri gia Gram Street Zebbug bir-raba mieghu anness mill-parti retrostanti f'zewg porzjoni mhux ugwali u cioe' porzjoni li tikkomprendi sest (1/6) tal-intier u porzjon li**

**tikkomprendi r-rimanenti hamsa minn sitta (5/6) tal-intier, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi .**

2. **Tordna l-assenjazzjoni tal-partijiet rispettivi u cioe' l-porzjoni li tikkomprendi s-sest (1/6) tal-intier lill-atturi u l-porzjoni l-ohra lill-konvenut .**

3. **Tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' divizjoni w assenjazzjoni billi tinnomina nutar li ghandu jircievi l-att pubbliku relattiv, fil-gurnata, hin u lok li jigu stabbiliti, u in-nomina tal-kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' Frar 1994 kollha kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mharrek ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi ikkonfermata bil-gurament ta' Antoinette Farrugia .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :**

1) **Illi in linea preliminari l-atturi ma jistghux jipprocedu b'din ic-citazzjoni qabel ma jgibu l-prova illi huma nkludew il-kwota pretiza minnhom fl-avviz tas-successjoni illi kellu jsir fl-okkazjoni tas-successjoni illi kellu jsir fl-okkazjoni tal-mewt ta' ommhom Maria Galea ;**

2) **Illi wkoll in linea preliminari c-citazzjoni hija rrita monka u nulla ghaliex ma fihiex spjegazzjoni dettaljata u cara tal-fatti illi waslu sabiex l-atturi jkollhom il-kwota minnhom imsemmija tal-fond de quo ;**

3) **Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux veru illi l-atturi ghandhom kwota ta' sesta parti mill-fond in kwistjoni . Ghal kuntrarju l-kwota illi jmisshom hija biss ta' nofs indiviz ta' nona parti (1/2 ta' 1/9) tal-istess fond filwaqt illi l-kwoti l-ohra kollha jispettaw lill-esponenti .**

4) **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu mahlufa .**

**Rat id-digriet taghha ta' l-1 ta' Gunju 1995 fejn innominat lill-avukat Dottor Mario Scerri bhala perit legali biex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut .**

**Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti pprezentati qabel mal-perit legali rrediga r-rapport tieghu .**

**Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali minnu mahlufa fit-8 ta' Novembru 2000 .**

**Rat in-nota ta' kritika ta' l-atturi ghal dan ir-rapport u r-risposta relattiva tal-konvenut .**

**Rat il-verbal taghha tas-6 ta' April 2001 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar il-kwota spettanti lill-kondividenti .**

**Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi d-dokumenti pprezentati .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi f'dan l-istadju tal-proceduri l-Qorti giet mitluba tiddecidi dwar il-kwoti spettanti lill-kondividenti minn fond ppossedut indivizament bejniethom fiz-Zebbug, Ghawdex . Dana peress illi l-kontendenti ma jistghux jaqblu dwar il-kwoti rispettivi, minhabba interpretazzjoni differenti illi qeghdin jaghtu ghal dispozizzjoni testamentarja tar-reverendu Dun Luigi Cini fit-testment tieghu in atti Nutar Francesco Refalo tal-5 ta' Marzu 1933 (Dok. MAF a fol. 89 tal-process) .**

**Pero' qabel ma l-Qorti tkun tista tghaddi sabiex tiddecidi dwar din it-talba, jkun opportun li jigu ttrattati l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari mqajma mill-konvenut fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu .**

**Rigward l-ewwel eccezzjoni li tittratta n-nuqqas ta' l-atturi li jiddenunzjaw mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni l-kwota pprovenjenti lilhom mill-wirt ta' ommhom, il-Qorti tinnota li giet pprezentata kopja ufficjali ta' denunzja ta' nofs ( ½ ) minn kwint (1/5) tal-fond il-kwistjoni provenjenti mill-eredita' ta' Maria Galea, omm l-atturi (a fol. 215 tal-process) . Ghalkemm fic-citazzjoni l-atturi qed jirreklamaw sehem ta' kwota akbar minn hekk, (infatti jghidu li ghandhom 1/6), billi din Maria Galea mietet fil-hdax (11) ta' Gunju 1986, u ghalhekk ghaddew aktar minn ghaxar snin mill-mewt taghha, a tenur ta' l-artikolu 63(4) ta' l-Att XVII tal-1993, ma tistax ssir aktar nsistenza dwar dan . Ghalhekk din l-eccezzjoni hija respinta .**

**Rigward imbaghad it-tieni eccezzjoni, l-Qorti taqbel ma' dak li qal il-perit legali fir-relazzjoni tieghu li "mhux daqstant necessarju u vitali ghall-kawza li fil-premessi tac-citazzjoni l-atturi kellhom jaghtu spjegazzjoni dettaljata u cara tal-fatti illi juru kif waslu ghall-kwota minnhom pretisa tal-fond *de quo* u ma jarax li dan huwa xi nuqqas gravi da parti tal-atturi li ghandha twassal ghal xi nullita' tac-citazzjoni kif eccepita mill-konvenut" (a fol. 82-3 tal-process) . Din l-eccezzjoni hija ghaldaqstant respinta wkoll .**

**Nigu ghalhekk ghall-kwistjoni dwar il-kwoti spettanti lill-kondividenti mill-fond ghall-qasma . Il-parti rilevanti tat-testment indikat tar-reverendu Kanonku Cini tiddisponi bil-mod segwenti :**
**"*Lo stesso testatore signor Canonico Don Luigi Cini ha lasciato e lascia a titolo di legato a Michele, Carmela, Giuseppa e Grazia germani Cini esse Carmela, Giuseppa e Grazia sorelle celibi Cini figli del defunto Francesco, il luogo di case ....* (dak in divizjoni) *e cio' durante vita di***

***essi quattro legatari soltanto, dopo la morte di essi legatari detto stabile si devolvera' agli eredi di Francesco Cini loro genitore con l'obbligo di dover pagare lira sterlina una e scelini dieci l'anno durante loro vita, e dopo detto peso dovra' pagarsi ogni anno ed in perpetuo dagli eredi di esso Francesco Cini ….."***

**Id-diffikulta' fl-interpretazzjoni ta' dan il-legat tinqala' minhabba illi, filwaqt illi t-testatur jghid illi jhalli l-fond indikat '*a titolo di legato'* lill-persuni msemmija, '*durante vita di essi quattro legatari soltanto'*, fl-istess dispozizzjoni jipprovdi wkoll x'ghandu jsir ghal wara mewthom, billi mbaghad ihalli l-istess fond lill-werrieta ta' missierhom. Kif jista' ghalhekk wiehed jikkumbacja dawn iz-zewg dispozizzjonijiet apparentement konfliggenti ?**

**Jekk l-erba' ahwa Cini thallew legat '*pur u semplici'* in piena proprjeta', kif appuntu jikkontendu l-atturi, dawn allura kienu ser isiru padruni assoluti mal-mewt tat-testatur, u ma kien ikun hemm ebda skop ghalfejn it-testatur jiddisponi wkoll ghal wara mewthom, kif fil-fatt ghamel . Infatti l-artikolu 721(i) tal-Kap. 16 jipprovdi illi :**

**"Kull legat pur u semplici jaghti lill-legatarju, minn dak in-nhar tal-mewt tat-testatur, jedd li jista' jghaddi ghall-werrieta ta' l-istess legatarju, jew ghal dawk li l-jeddijet taghhom gejjin minnu, li jircievu l-haga mhollija lilu bil-legat" .**

**F'tali cirkostanzi ghalhekk ikollhom dritt ghal sehem il-legatarji, il-werrieta testamentarji taghhom, jew fin-nuqqas dawk li jirtuhom 'ex lege' . Imma filwaqt illi fin-nota ta' osservazjonijiet taghhom l-atturi jiccitaw diversi sentenzi u awturi taljani sabiex isostnu din it-tezi taghhom li l-legatarji mal-mewt tat-testatur saru minnufih padruni assoluti, fl-istess nifs jittentaw jiggustifikaw il-bqija tal-legat li jittratta l-lascita tal-fond in kwistjoni lill-eredi ta' missierhom wara mewthom, "*ghax kien previst li dawn imutu intestati u improle"* ( a fol. 49) . Apparti l-fatt illi l-atturi stess jammettu illi din hija '*oversimplification*', ghandu ragun isostni l-konvenut illi gialadarba l-fond ikun sar proprjeta' tal-legatarji, ma setghax it-testatur jerga' jiddisponi minnu minghajr ma jispecifika li jaf illi dik il-proprjeta' tappartjeni lil haddiehor (art. 696, 697 tal-Kap. 16) .**

**L-atturi joholqu diffikulta' wkoll dwar l-interpretazzjoni tal-kliem "*agli erdi di Francesco Cini loro genitore*" f'dan il-legat . Dan kellu jfisser l-ulied kollha ta' Francesco Cini li kienu disa' (ara Dok. LC 21 a fol. 207), inkluzi ghalhekk l-istess legatarji, jew inkella kif jinsistu l-atturi, l-hamsa l-ohra biss li ma kienux baqghu id-dar ? L-atturi jargumentaw illi mhux possibbli li l-erba' legatarji msemmija fit-testment ta' Dun Luigi Cini setghu jirtu darbtejn, l-ewwel bhala legatarji in piena proprjeta' tal-fond in kwistjoni, u mbaghad, permezz tal-werrieta taghhom, jergghu jaqsmu bhala proprjetarji wkoll ma' l-ahwa l-ohra li ma kenux hekk ippreferuti . Imma hawnhekk hija appuntu l-kontradizzjoni fit-tesi ta' l-atturi . Dan**

**ghaliex minkejja li jsostnu illi l-fond *'de quo'* thalla lill-erba' ahwa mhux mizzewgin in piena proprjeta', ma jaraw xejn stramb fil-fatt li fl-istess legat it-testatur madankollu jhallieh ukoll lill-eredi ta' missierhom . Ghalihom is-soluzjoni ghal din id-dilemma kienet li, minkejja li t-testatur isemmi esplicitament l-"*eredi di Francesco Cini loro genitore"* minghajr ebda distinzjoni, dawn kellhom jigu kunsidrati li kienu biss l-eredi l-ohra mhux imsemmija .**

**Ghalkemm l-atturi jipprovaw jiskreditaw it-tezi tal-konvenut illi dan il-legat kien wiehed b'titolu prekarju biss a benficcju ta' l-erbat ahwa imsemmija, u li l-piena propjeta' ghal wara mewthom thalliet lill-eredi kollha ta' Francesco Cini, minhabba l-fatt li ma jissemma xejn f'dan ir-rigward fil-legat in kwistjoni, l-Qorti jidhrilha li ghandha taqbel mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit legali u cioe' li l-legat in kwistjoni ma jistghax jinghata interpretazjoni diversa .**

**Il-konvenut fin-nota ta' l-osservazjonijiet tieghu jiccita diversi awturi legali u decizjonijiet tal-Qrati taghna dwar l-interpetazzjoni li ghandha tigi moghtija lit-testment sabiex tkun maghrufa r-rieda vera tat-testatur, u a skans ta' ripetizzjonijiet inutili l-Qorti taghmel referenza shiha ghalihom (ara fol. 35 –43 tal-process) . Tajjeb pero' li jerga' jigi kkwotat dak li fissret il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet "*Carmelo Said et vs Nutar Giuseppe Cauchi* (Vol. XLII. I. 498) dwar kif ghandha tigi dezunta l-intenzjoni tat-testatur meta jkun hemm nuqqas ta' kjarezza f'certu dispozizzjonijiet testamentarji . Hekk insibu jinghad f'din is-sentenza illi :**
**"Hu cert li l-intenzjoni tad-disponent ghandha tigi dezunta 'ex visceribus' tal-istess dispozizzjoni li tkun in kwistjoni . Certament din tista' tigi raffrontata ma' dispozizzjonijiet ohra tat-testment, dak stess jew ohrajn precedenti jew posterjuri; imma l-interpretu ma ghandhux johrog minn dawk il-limiti, u ma ghandux ifittex sussidju mill-kliem ta' xhieda jew minn kongetturi indipendentement mill-kliem tat-testment jew testmenti. "**

**Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami insibu illi fit-testment in kwistjoni r-reverendu Cini kien halla sitt legati . Apparti f'kaz minnhom fejn ma setghax jaghmel mod iehor, ghax il-lascitu kien ta' cens temporanju, dejjem isemmi specifikament li dak il-legat partikolari kien gie mholli "*in piena proprjeta'* (ara Dok. MAF a fol. 89–94 tal-process) . Ghalhekk ma kien hemm xejn xi jzomm lit-testatur, kieku din kienet tassew ir-rieda tieghu, li jaghmel l-istess fil-kaz in ezami . Imma appuntu biex dan il-lascitu ma jkunx konfliggenti mal-bqija tal-legat fejn halla l-proprjeta' tal-fond imsemmi lill-eredi ta' Francesco Cini, dan m'ghamlux . Huwa minnu illi t-testatur ma ndikax f'daqstant kliem li l-legat imholli lill-erba' ahwa msemmija kien wiehed b'titolu prekarju, bhal xi usufrutt jew xi uzu w abitazzjoni, imma b'daqshekk ma naqasx li jaghmilha cara li dan kellu jghodd biss "*durante vita di questi quattro legatari soltanto*" .**

**F'tali cirkostanzi l-Qorti ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni raggunta mill-perit legali fis-sens illi :**
**… *"l-iktar interpretazzjoni korretta ta' dan il-laxxitu hija li t-testatur ma kellux il-hsieb li jhalli lil Michele, Carmela, Giuseppa u Grazia ahwa germani Cini ulied il-mejjet Francesco, il-fond ta' Triq Madonna tac-Cicri, Zebbug, in piena proprieta' lilhom izda hallielhom biss id-dritt li jgawduh u juzawh sa mewthom u wara mewthom jghaddi mhux fuq l-eredi taghhom izda fuq l-eredi ta' Francesco Cini*" (a fol. 78 tal-process) .**

**Il-Qorti gia kellha okkazjoni tippronunzja ruhha aktar 'l fuq dwar x'ried ifissier it-testatur bil-kliem "*agli eredi di Francesco Cini loro genitore*", u li dan kellu bilfors jinkludi l-eredi kollha ta' l-istess Francesco Cini u mhux biss lil dawk li ma kienux gew ippreferuti b'dan il-legat . Jonqos biss ghalhekk li jigi stabilit min kienu tassew dawn l-eredi .**

**Jirrizulta mic-certifikat genejologiku mahrug mill-Parrocca taz-Zebbug (Dok. LC 21) illi dan Francesco Cini kellu disa' (9) ulied, u cioe' Carmela, Grazia, Giusepa, Maria, Michele, Antonio, Luigi, Giuseppe u Regina . Ma gew esebiti ebda testmenti jew ricerki testamentarji ta' l-istess Francesco Cini, imma hadd mill-parijiet ma jidher li qed jikkontesta l-fatt illi dawn id-disa' uliedu kienu kollha l-werrieta tieghu . Kull wiehed minnhom jigi ghalhekk li wiret nona parti (1/9) ndiviza, biex b'hekk jigi li wiret ukoll l-istess sehem mid-dar imhollija bil-legat in kwistjoni mit-testatur Reverendu Cini . Il-Qorti, wara li ezaminat id-dokumenti esebiti, taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-perit legali dwar kif intirtu l-kwoti rispettivi, u kif finalment dawn ghaddew b'wirt jew gew akkwistati kwazi kollha mill-konvenut, hlief ghall-ishma ta' l-atturi (ara relazzjoni peritali a fol. 79 –82) . Irrizulta ghalhekk illi l-konvenut illum jipposjedi hmistax minn sittax (15/16) il-parti, filwaqt illi l-atturi bejniethom ghandhom ir-rimanenti wiehed minn sittax (1/16) il-parti .**

**L-attur fic-citazzjoni prezenti taghhom jikkontendu illi sehemhom mill-fond in divizjoni huwa ta' wiehed minn sitta (1/6) . Imkien fil-kors ta' din il-kawza ma taw ebda indikazzjoni ta' kif waslu ghal din il-kwota. Fid-denunzja tas-successjoni ta' ommhom Maria Galea (a fol. 215), kienu ddikjaraw illi lill-ommhom kien jispetta nofs minn wiehed minn hames partijiet (1/2 x 1/5) . Din il-kwota hija konformi mal-pretensjoni taghom li dan il-legat,wara l-mewt ta' l-erba' beneficjari ahwa Cini, kellu jaqa' fuq l-ahwa l-ohra ulied Francesco Cini, u Regina Meilak, omm Maria Galea, kienet wahda minn dawn il-hames ulied . Imma kif gia gie stabilit aktar 'l fuq, ma jista' jkun hemm ebda raguni valida ghaliex jistghu legalment jigi eskluzi l-erba' ahwa ohra, meta l-legat in kwistjoni kien car bizzejjed fis-sens illi l-post kellu jaqa' fuq l-eredi ta' Francesco Cini, minghajr ebda eskluzjoni . Lanqas kieku kellha tigi accettata t-tezi l-ohra mressqa mill-atturi li l-laxxita lill-erbat ahwa indikati kienet in piena proprjeta' bhala legat pur u semplici, ma jistghu jigu vantaggjati l-**

**atturi . Dan ghaliex jirrizulta li hlief ghal sehem Carmela Cini, li mietet intestata u l-ewwel wahda mill-ahwa, l-ohrajn kollha ghamlu testmenti u bl-ebda mod ma bbenefikaw lil ohthom Regina Mejlak, li bhal ko-successuri taghha l-atturi qed jaghmlu t-talba odjerna .**

**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi f'dan l-istadju tal-proceduri, billi filwaqt illi tirrespingi l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut, tiddecidi dwar il-kwoti spettanti lill-kondividenti mill-fond in divizjoni, billi tiddikjara illi l-atturi bejniethom ghandhom wiehed minn sittax-il parti (1/16) indiviza, filwaqt illi l-konvenut jipposjedi r-rimanenti hmistax minn sittax (15/16) il-parti .**

**L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
S(ip)10094Pc